*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 41*

***2 ta' Mejju 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *41.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

41.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit talab biex ikun skużat minħabba li qed iħossu ma jiflaħx. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur li jkun skużat kien unanimu.

## *41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

41.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

41.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar il-Membri tal-Kunsill li nhar is-26 ta' Ġunju fis-7.30pm ser jiġi inawgurat il-monument tal-50 sena mit-twaqqif tal-parroċċa Marija Reġina. Dan il-monument ser isir maġenb il-Knisja u kien xogħol li ħadem fuqu l-Kunsill id f'id mall-komunita' tal-Capuċċini tal-Parroċċa.

41.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Każin tal-Banda Ssma. Trinita' qegħda tipproponi li l-bust tat-Tabib Nerik Sacco jiċċaqlaq u jmur ftit il-fuq mit-taraġ tal-Knisja sabiex minfloku jkun hemm il-bust tas-Sur Anton Cassar. Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill ġie miftiehem li din it-tema titla f'seduta oħra fejn jista' jiġu diskussi l-istimi u xogħol ieħor fil-preżenza ta' membri tal-Għaqda sabiex il-Kunsill jasal għal deċiżjoni finali. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *41.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

41.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li hemm applikazjoni ta' permess għal riklamar fuq il-Pont ta' San Tumas. Apparti hekk ta' min jinforma l-awtoritajiet dwar bollards bir-riklamar li twaħħlu fil-Bye Pass tal-Marsa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jara min qed jagħti dawn il-permessi, jew il-Planning Authority jew Tranport Malta sabiex ikunu infurmati li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għandhu bye law dwar ir-riklamar.

41.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab jekk jistgħax isir t-taraġ ta' Triq Feliċjan Bilocca. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan ix-xogħol diġa' ġie ordnat u ser jitlestla fil-gimgħat li ġejjin.

41.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal jekk jistgħax jitweħħel xi ħadid quddiem ħanut. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-quddiem dawn il-ħwienet il-ħadid isir imma wieħed irid jistenna li l-ħwienet fiż-żona jlestu x-xogħolijiet li għaddejjin bih.

Fis-6.40pm daħal fis-seduta l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit.

41.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal jekk huwiex possibli jekk il-bankina f'Marsa Road tistgħax tidjieq fejn hemm il-U shaped bollard sabiex ma jsirx aktar ipparkjar illegali. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li wieħed irid jara l-possibilitajiet biex dan isir.

## *41.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *41.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

41.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal lis-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed tistaqsi l-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam fuq il-pubblikazzjoni tal-festa għal prezz ta' €250 li tinkludi paġna sħiħa bil-kulur. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

41.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Awtorita' tal-Ippjanar għamlet avviż dwar ksur ta' kontroll tal-ippjanar f'sit fi Triq il-Biċċerija kantuniera ma Xatt il-Mollijiet. Dan peres li s-sit tħalla fi stat t'abbandun u l-kondizzjoni strutturali tal-bini huwa wieħed perikoluz.

41.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-kumpanija Ok Ltd qed toffri sabiex tagħmel screening tas-smiegħ lir-residenti adulti b'xejn. Il-kumpanija talbet biss kemm il-Kunsill joffri kamra fejn issiru dawn it-testijiet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

41.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Lands Authority bagħtet in no objection dwar applikazzjonijiet li għandhu l-Kunsill fir-reabilitazzjoni ta' Ġnien Diċembru Tlettax u għat-twaħħil tal-istatwa tal-fundatur tal-Iscouts fi Pjazza G.F. Abela.

41.6.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali avżat li sakemm joħorġu avviż ieħor dwar l-aggudikazzjoni tal-kuntratti, dawn ser jiġu rtirati u l-Kunsilli jibqaw jaħdmu bil-proċess kif kien qabel, li jaħtru nies tal-fiduċja tagħhom f'dawn il-bordijiet.

## *41.7 Management Letter u t-Tweġiba*

41.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsill rċieva l-Management Letter mill-Awdituri fejn fost affarijiet oħra ġibdu għall-attenzjoni tal-Kunsill affarijiet relattivament zgħar bħal-tax receipting, tenders u cash receipts, kif ukoll assi li għandhu l-Kunsill li mhux qed jintużaw. Il-Kunsill lesta t-tweġibiet tiegħu, liema tweġibiet intbgħatu b'email għall-kunsiderazzzjoni tal-Kunsilliera sabiex dawn jiġu approvati qabel ma jintbgħatu lill-Awditur Generali. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

## *41.8 Approvazzjoni ta' l-Ingaġġ ta' Mpjegata Part-Time*

41.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li matul dawn il-ġimgħat il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet u persuna minnhom intgħażlet mill-Bord tal-Għażla li ġie mwaqqaf għal dan il-għan fis-seduta ta' qabel. Il-Bord jemmen li s-Sinjura Claire Grech għandha l-kwalitajiet neċessarji sabiex din taqdi x-xogħol mitlub mill-Kunsill. B'hekk il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar l-ingaġġ ta' din il-persuna u jekk joqgħodx fuq il-parir tal-Bord tal-Għażla. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur dan l-ingaġġ kien unanimu.

## *41.9 Bdil ta' Bankina fi Sqaq l-Ajkla*

41.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li tinbidel bankina fi Sqaq L-Ajkla minħabba l-ħsarat li din għandha. Is-Sindku qal li dawn it-tip ta' proġetti jkomplu jsebbħu dawn iż-żoni fil-lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *41.10 Liġi Lokali dwar l-Itlajjar*

41.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li matul il-gimgħa li għaddiet il-Kunsill bgħat b'email kopja tal-Liġi Lokali dwar l-Itlajjar kif ġiet mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Hawnhekk bdiet diskussjoni dwar din il-ligi fejn bosta kienu tal-fehma li hemm bżonn definizjoni dwar it-tifsira tal-kelma tlajjar, kif ukoll dwar il-penali li jistgħu jingħataw. Kien hemm ix-xewqa li l-kelma prostituzjoni u persuni li jfittxu x-xogħol tiżdied mat-test tal-bye law biex tindika biċ-ċar il-problemi ewlenin li din il-bye law trid tindirizza. B'jekk clawsola numru 3 trid tinqara "l-ebda persuna ma titlajja għal skopijiet ta' xogħol/prostituzjoni". Id-diskussjoni daret fuq l-penali fejn l-ammont ta' €65 huwa ftit fejn ir-reati imsemmija.

Madanakollu, is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill xorta waħda irid jikkonsulta mall-Dipartiment dwar dak li huwa possibli li jsir.

41.10.2 Kien hawn li s-Sur Dominic Spencer talab dwar il-possibilita' li persuni li jinqabdu repetutament jitlajjaw għall-raġunijiet ta' prostituzzjoni fost affarijiet oħra jistgħux jingħataw xogħol kommunitarju fil-lokalita' minflok penali. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill anke f'din il-proposta jrid jara dak li huwa permessibli li jsir mill-avukata tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwat li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ħareġ mis-seduta.

## *41.11 Ħruġ ta' Tender għall-Mini Pitch*

41.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill dwar il-bżonn li isir wiċċ ġdid għall-Mini Pitch fil-Ġnien 6 t'Awissu. Biex issir dan hemm bżonn li jinħareġ tender wara li l-perit tal-Kunsill ikun għadda d-dettalji li proġett bħal dan ikun jitlob. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *41.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

41.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 8.00pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Ġunju 2018 fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 2 ta' Mejju 2018